BirdLife
MALTA

# Il-vittmi tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa jiżdiedu għal għaxra

## BirdLife Malta tistaqsi x'inbidel mill-2015 lil hawn meta l-istaġun kien ingħalaq wara li nqatlu erba' għasafar protetti

Fl-2015, eżatt wara r-referendum dwar il-kaċċa, il-Gvern kien ħa d-deċiżjoni kuraġġjuża li jagħlaq l-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa qabel iż-żmien meta xi ħadd spara fuq Spanjulett fil-viċinanzi tal-Kulleġġ St Edward's fil-Kottonera u l-għasfur protett ferut niżel fil-bitħa tal-iskola waqt li t-tfal kienu bil-*break*, b'ħafna minnhom jispiċċaw trawmatizzati.

Immedjatament wara r-referendum, il-Prim Ministru kien wissa li ma kienx se jittollera l-abbuż u żamm kelmtu hekk kif malli seħħ dan il-każ għalaq l-istaġun kmieni wara li kienu nqatlu illegalment erba' għasafar protetti.

Din is-sena ninsabu fit-tieni ġimgħa tal-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa u l-vittmi tal-istaġun tal-2017 issa żdiedu għal għaxra. Mill-aħħar stqarrija li ħriġna jumejn ilu, inqatlu żewġ għasafar oħra tal-priża. **(ara l-lista hawn taħt)**

BirdLife Malta appellat lill-Gvern u lill-Prim Ministru biex jagħlaq b'seħħ immedjat l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa biex ikunu mħarsa l-għasafar tal-passa li bħalissa jkunu fi triqithom lejn l-Ewropa biex ibejtu. Jekk jiġri dan, ikun fl-istess linja ta' tolleranza zero kif wiegħed il-Prim Ministru nnifsu wara r-referendum ta' April 2015. Imma minkejja s-sejħiet ripetuti li għamlet BirdLife Malta, l-unika reazzjoni li ħadna hu silenzju assolut. BirdLife Malta għalhekk tistaqsi x'inbidel mill-2015 lil hawn?

L-aħħar żewġ vittmi tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena huma żewġ tajriet tal-priża oħra protetti – Bagħdan Aħmar li nġabar minn membri tal-pubbliku jumejn ilu fl-Imġarr, u Spanjulett Sekond raġel li nġabar mill-Pulizija ta' Għawdex ilbieraħ. Waqt li tal-ewwel kellu feriti kkawżati minn tiri ta' senter f'għajnu u f'rasu, l-Ispanjulett Sekond sofra feriti gravi fil-ġewnaħ tal-lemin u sieqcu tax-xellug.

L-għasafar midruba kollha li kellna s'issa mill-ftuħ tal-istaġun huma għasafar komuni li jpassu minn fuq Malta fir-rebbiegħa u speċi li kollha jgawdu minn protezzjoni qawwija fl-Unjoni Ewropea. Il-fatt li diġà kellna għaxar każi fi ftit iktar minn ġimgħa ta' kaċċa hu indikazzjoni ta' kemm min dan it-tajr protett qed jispiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali.

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana llum tenna s-sejħa lill-Prim Ministru Joseph Muscat biex b'effett immedjat jagħlaq l-istaġun kif għamel sentejn ilu wara li kienu nqatlu illegalment erba' għasafar protetti. Sa nhar it-Tnejn meta ħriġna l-aħħar stqarrija kienu diġà nqatlu tmien għasafar protetti u ma kien hemm l-ebda reazzjoni. Tgħid l-għaxar għasfur maqtul se jqanqal reazzjoni? Nistennew u naraw.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Rapport fit-Times of Malta f'April 2015 dwar l-Ispanjulett li kien spiċċa niżel fil-bitħa tal-Kulleġġ St Edward's fil-Kottonera:
http://www.timesofmalta.com/articles/view/20150427/local/reactions-hunting-season-closed-after-shot-bird-falls-into-school-yard.565788

L-istqarrija li kienet ħarġet BirdLife Malta dakinhar:
http://birdlifemalta.org/2015/04/birdlife-malta-welcomes-closure-of-hunting-season/

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/5wcwvQvREj** (Ritratti ta' BirdLife Malta)

1-2. Ritratti tal-Bagħdan Aħmar li nġabar mill-Imġarr jumejn ilu minn membri tal-pubbliku
3-5. Ritratti tal-Ispanjulett Sekond li nġabar mill-Pulizija ta' Għawdex ilbieraħ
6. L-Ispanjulett li kien niżel fil-bitħa ta' skola fil-Kottonera fis-27 ta' April 2015 u li wassal għall-għeluq qabel iż-żmien tal-istaġun ta' dik is-sena
7. It-*tweet* tal-Prim Ministru Joseph Muscat li biha ħabbar l-għeluq tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa f'April 2015

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/dpY4I7PkIw** (Filmati ta' BirdLife Malta)

- Filmat tal-Ispanjulett Sekond li nġabar minn Għawdex, l-aħħar vittma tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa tal-2017

**Lista kronoloġika tat-tajr protett li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali s'issa dis-sena:**

- Il-Ħadd 26 ta' Marzu — **Bagħdan Aħmar**, Selmun.
- It-Tlieta 28 ta' Marzu — **Spanjulett**, lokalità mhux magħrufa.
- Il-Ħamis 30 ta' Marzu — **Rundun,** L-Aħrax tal-Mellieħa.
- Is-Sibt 1 ta' April — **Daqquqa tat-Toppu**, Is-Salib tal-Għolja.
  **Bagħdan Aħmar,** Ħal Qormi.
  **Bagħdan Aħmar**, l-Għasri Għawdex.
- Il-Ħadd 2 ta' April — **Daqquqa tat-Toppu,** is-Siġġiewi.
  **Ħuttafa,** il-Marsa.
- It-Tnejn 3 ta' April — **Bagħdan Aħmar,** l-Imġarr.
- L-Erbgħa 4 ta' April — **Spanjulett Sekond,** limiti tar-Rabat Għawdex.

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna